**15 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

George Azzopardi

**Offiża għall-Morali Pubblika — "Juke-Box" — Disk — Kontravvenzjoni — Art. 352(z) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi televa għal kontravvenzjoni l-għemil ta' min joffendi l-morali, l-imġieba xierqa, jew id-deċenza publika, b'xi mod ieħor li mhux kontemplat espressament mill-istess liġi. B'mod li l-fatt li wieħed iżomm fil-ħanut tiegħu "Juke-Box", u jippermetti li bih jindaqqu diski u mużika ndeċenti, jikkostitwixxi din il-kontravvenzjoni.*

*U dan avvolja hu ma jkunx irrealizza l-kontenut tal-kant li jindaqq; billi għal din il-kontravvenzjoni ma hemmx bżonn tal-propożitu deliberat ta' offiża għall-bwon kostumi, imma hu biżżejjed li l-fatt volontarju jirrisali għall-kolpa ta' min jagħmlu.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' George Azzopardi, li bih appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tas-7 ta' Lulju 1960, u talab il-liberazzjoni tiegħu minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġie misjub ħati li offenda l-morali, l-imġieba xierqa u d-deċenza publika, skond l-art. 352(z) tal-Kodiċi Kriminali, u ġie kundannat għall-ammenda ta' għaxar xelini;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fil-ħanut tiegħu "Cliema Cafè", l-appellanti kellu fil-"juke-box", biex jindaqq minn min mill-publiku jgħoġbu jagħżlu, bil-ħlas, disk intitolat "Nuda", li ismu kien jidher mal-lista tad-diski, li jikkonsisti f'kant u mużika b'dan il-

kliem:— "Languida, morbida, purissima, nuda, mia ti sento ancora fra le mie braccia — *vedo il tuo respiro* — dolce morire — nuda, nuda, dolcissimo ricordo di te";

L-art. 352(z) fuq imsemmi jeleva għal kontravvenzjoni l-għemil ta' min, b'xi mod ieħor mhux previst band'oħra fil-Kodiċi, joffendi l-morali, l-imġieba xierqa ("costumatezza" fit-test taljan), jew id-deċenza publika;

L-interess tutelat b'din il-kontravvenzjoni huwa dak tal-moralità publika bħala bwon kostum, in kwantu r-rispett ta' *ċerti sentimenti etiċi huwa ritenut soċjalment neċessarju*, u in kwantu huwa hekk meqjus perikolus dak l-għemil pub'iku li jmur kontra dawk is-sentimenti li l-kollettività trid tara rispettati. In bażi għall-art. 490 "Degli atti contrari alla decenza publica", taħt it-titolu "Delle contravvenzioni contro la pubblica moralità", tal-Kodiċi Penali Taljan tal-1889. ġie deċiż mit-Tribunal ta' Milan illi "Scopo dell'art. 490 C.P. è quello di munire di sanzioni penali tutti gli atti e fatti, di qualunque specie e natura, che, pur non contenendo il deliberato proposito di recare offesa al pudore, *offendono tuttavia il buon costume e la pubblica decenza*" (Giurisp. C.P., Conti. art. 490, no. 22); u illi "il porre in vendita cartoline illustrate oscene costituisce il delitto di offesa al pudore; il porre in vendita cartoline illustrate indecenti ed immorali costituisce contravvenzione alle leggi di p. s." (ibid. no. 33);

Fil-każ preżenti, is-sitwazzjoni senswali raffigurata bis-suġġestjoni tar-ritmu mużikali vagament brażiljan, u bil-langwidezza u abbandun tal-vuċi, toffendi s-sens ta' pudur *tal-collettività maltija. Anki* l-espressjoni artistika ma għandhiex publikament tikkontrasta ma' dak il-minimum ta' komportament etiku kunsidrat neċessarju fl-interess soċjali; u l-offerta għall-użu tal-publiku tad-disk in kwistjoni ma tistgħax ma titqiesx bħala għemil kontra l-bwon kostum lokali. Is-sempliċità tal-espressjonijiet ta' din il-kanzoni jirrenduha faċilment intelliġibbli mill-ġeneralità tal-publiku, u in ispeċje tal-ġuvintur bħala l-aktar li jagħmlu użu mil-"juke boxes";

*Anki kieku l-appellant ma rrealizzax il-kontenut* tal-

kanzoni, huwa xorta jibqa' imputabbli, billi għal din il-kontravvenzjoni ma hemmx bżonn tal-propożitu deliberat ta' offiża għall-bwon kostumi, imma hu biżżejjed li l-fatt volontarju jirrisali, kif f'dan il-każ, għall-kolpa ta' minn jagħmlu;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.